Mellieħa

22 ta' Settembru 2022

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 42**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tipparteċipa fis-Seduta tal-Kunsill Lokali numru **42** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2022 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

## AĠENDA

42.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

42.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

42.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

42.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

42.5. Identifikazzjoni ta' proġett iffinanzjat bil-*Planning Gain* marbut mal-iżvilupp tal-Lukanda Radisson SAS Golden Sands;

42.6. Immaniġġjar tal-ilma tax-xita fi Triq l-Għasafar u Triq il-Biedja fil-Manikata;

42.7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jinvolvi tiswijiet u manutenzjoni fil-faċilitajiet eżistenti taħt il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja;

42.8. Sejħa għall-Offerti 7/2022 – Installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi u batterija fl-uffiċċju tal-Kunsill bħala proġett pilota flimkien mal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija;

42.9. L-Ittra ta' Direzzjoni (Management Letter) mibgħuta mill-udituri dwar l-operat tal-Kunsill matul s-sena finanzjarja 2021;

42.10. Proġett dwar l-iżvilupp ta' ġnien pubbliku fuq l-art konfinanti minn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq l-Għasel;

42.11. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

42.12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

42.7. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier K. Buttigieg li tgħid:

*"Billi saret sejħa għal offerti MLC 5/2021, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi xogħlijiet ta tiswija u manutenzjoni fil-multi-purpose court li jifforma parti mill-Park tal-Familja, Triq Ġuże' Flores;*

*Billi sar rapport tekniku mill-perit konsulent inkarigat mill-Kunsill, kif ukoll saret evalwazzjoni mill-Kumitat tal-Evalwaturi tal-erba' offerti li saru, assistita minn kjarifiki mitluba, skont il-minuti tal-istess kumitat tal-4 u 29 ta' Awwissu 2022; u*

*Billi l-ftehim tal-għotja li sar mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali jipprovdi fondi għal finanzjament parżjali taħt l-iskema SPI/SCI/7/2021, flimkien ma' fondi tal-Kunsill allokati taħt il-vot 7509 fl-Estimi Finanzjarji 2022;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Christian Bezzina, li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bl-inqas spiża li tammonta għall-€34,776 mingħajr it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.". (P/4/6/Vol VI)*

Kurt Buttigieg
Kunsillier – Proponent

Gabriel Micallef
Kunsillier – Sekondant